MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2021

Appell Inferjuri Numru 85/2019 LM

**Mapfre Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Marco Gauci u l-istess Marco Gauci**
*("l-appellati")*

***vs.***

**André Pio Catania**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **André Pio Catania** (minn issa 'l quddiem "l-appellant"), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fit-12 ta' Novembru, 2019, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata").

**Fatti**

2. Permezz tad-deċiżjoni appellata t-Tribunal iddeċieda illi l-inċident stradali ("l-inċident stradali") li seħħ fl-20 ta' Marzu, 2017 fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PIO 629 misjuqa minn André Pio Catania u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 863 misjuqa mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Marco Gauci**, assikurat tas-soċjetà rikorrenti **Mapfre Middlesea p.l.c**., hawnhekk "is-soċjetà appellata", seħħ minħabba raġunijiet unikament imputabbli lill-intimat André Pio Catania.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident, u għad-danni kollha riżultanti u konsegwenzjali. Talbet ukoll lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti, li hija tgħid li kienu jammontaw għal €1,004.78, liema ammont ġie sussegwentement mnaqqas mis-soċjetà rikorrenti għal €991.92. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll li l-intimat jiġi kkundannat iħallas id-danni u l-ispejjeż legali kollha inkorsi minnha.

4. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-inċident stradali seħħ unikament tort tal-intimat għaliex dan naqas milli jsuq bi prudenza, b'diliġenza u b'attenzjoni ta' *bonus paterfamilias,* u naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha, kif ukoll naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku.

5. L-intimat min-naħa tiegħu wieġeb li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-inċident stradali. L-intimat ċaħad ukoll kategorikament kull allegazzjoni li huwa għandu jirrispondi għad-danni konsegwenzjali jew riżultanti

mill-inċident stradali. L-intimat qal ukoll li in vista tal-eċċezzjonijiet mogħtija minnu, huwa m'għandux jinżamm responsabbli għad-danni.

6. Quddiem it-Tribunal ir-rikorrent **Marco Gauci**, l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti, spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 863, u kien għaddej mill-qalba tal-Mellieħa fi triq li hija *one-way,* u qal li hu kien għaddej fid-direzzjoni t-tajba. Qal li f'nofs it-triq hemm tumbata, qabiżha u kien ser jibda nieżel 'l isfel, meta huwa kien għaddej b'veloċità ta' bejn 30 u 40 kilometru fis-siegħa. Spjega li kif qabad in-niżla, sab il-vettura misjuqa mill-intimat ma' wiċċu, li dak il-ħin kien qiegħed jirriversja biex jidħol f'garaxx fuq ix-xellug tat-triq, u biex jagħmel dan kien qiegħed jostakola t-triq. Ix-xhud żied jgħid li fil-ħin tal-inċident kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tat-triq, u hu tant inħasad xħin sab lill-intimat ma' wiċċu, li lanqas biss kellu ċans jagħfas il-*brake.*

7. L-intimat **Andre Pio Catania** xehed li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien għaddej minn Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, li kkonferma li hija triq *one-way,* li wieħed jista' jinżel biss minnha. Spjega li dak il-ħin hu ried idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx li jinsab fuq ix-xellug tat-triq, u biex jirnexxilu jidħol fil-garaxx huwa jrid isuq b'lura. L-intimat qal li biex ikun jista' jimmanuvra, huwa l-ewwel ikollu jiġbed lejn il-lemin tat-triq, u qabel jibda miexi b'lura jivverifika jekk ikunux ġejjin vetturi. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa għamel il-manuvra tas-soltu u qabel beda miexi b'lura, ivverifika li ma kienx hemm traffiku nieżel, beda miexi b'lura, qasam it-triq u rnexxielu jaqbad l-ewwel parti tar-rampa, meta f'ħin minnhom ra vettura ta' lewn abjad ġejja mill-parti ta' fuq ta' Triq l-Għoljiet, li baqgħet dieħla fir-rota ta' wara tal-vettura tiegħu. L-intimat qal li peress li Triq

l-Għoljiet hija niżla, wieħed ma jistax jara fit-tul, u l-viżwali hija għat-tul biss meta wieħed joqrob lejn il-parti ta' fuq tal-għolja. Qal li minn dan il-punt sal-garaxx tiegħu hemm distanza ta' tliet vetturi. L-intimat spjega li minkejja li l-impatt ma kienx wieħed vjolenti, xorta waħda kien wieħed qawwi, u l-vetturi involuti sofrew danni mhux ħażin.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Permezz tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal iddeċieda li r-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri għandha tingarr mill-intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi kif ġie sottomess aktar 'il fuq, il-kawża odjerna tittratta inċident tat-traffiku illi seħħ nhar l-20 ta' Marzu 2017 fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 863 proprjetà tar-rikorrenti Gauci u dik bin-numru ta' reġistrazzjoni PIO 629 misjuqa mill-intimat.*

*Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi fil-ħin tal-inċident is-sewwieq tal-vettura PIO 629 misjuqa mill-intimat kienet qed tirriversja, bil-għan illi tidħol ġo garaxx.*

*Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet tikkonsisti fil-fatt illi filwaqt illi r-rikorrenti Gauci jgħid illi kien l-intimat illi daħal ġo fih hekk kif kien qiegħed jirriversja bil-għan illi jidħol fil-garaxx, l-intimat jgħid illi kien ir-rikorrenti illi baqa' dieħel ġo fih.*

*Illi fl-umli fehma tal-arbitru fattur importanti fl-indaġini ta' kif seħħ l-inċident mertu tal-kawża huma t-tip u entità tal-ħsarat illi ġarrbu ż-żewġ vetturi.*

*Illi għalkemm l-intimat jgħid illi l-impatt kien wieħed vjolenti, b'kull rispett dan ma rriżultax u mir-ritratti tal-entità tal-ħsarat jidher illi dawn kienu pjuttost żgħar li fl-umli fehma tal-arbitru jindika illi l-impatt ma kienx wieħed vjolenti xejn u li ż-żewġ vetturi kienu mexjin bi speed pjuttost kontenut.*

*Illi apparti l-entità tal-ħsarat l-arbitru osserva u ta ċerta importanza għat-tip tal-ħsarat. Illi minn eżami tal-ħsarat illi ġarrbet il-vettura tal-intimat jidher ċar illi dawn*

*kienu jikkonsistu f'sensiela ta' brix li fl-umli fehma tal-arbitru ma jikkorroborawx il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-intimat.*

*Illi li kieku l-inċident seħħ kif jallega l-intimat u ċioe illi kienet il-vettura misjuqa mir-rikorrenti Gauci li baqgħet dieħla ġo fih allura f'dak il-każ id-daqqa fil-Mercedes kienet tkun waħda li turi impatt ta' dak it-tip u mhux sbrixxatura.*

*Illi l-isbrixxatura li ġarrbet il-Mercedes tal-intimat turi illi waqt illi din kienet miexja b'lura laqtet il-vettura tar-rikorrenti li kienet tinsab warajh. Illi l-intimat fix-xhieda tiegħu jgħid illi meta huwa jkun qiegħed jeffettwa manuvra ta'* reverse *huwa jħares lura mhux fil-mera imma billi jdur fiżikament lejn ix-xellug tiegħu, li jfisser illi huwa ma kienx f'pożizzjoni illi jara jekk kienx hemm vetturi ġejjin minn fuq il-lemin tiegħu billi rasu kienet imdawra lejn in-naħa l-oħra.*

*Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija l-arbitru huwa moralment konvint illi l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba l-fatt illi l-intimat Catania naqas milli jżomm* a proper lookout *waqt illi kien qiegħed jimxi b'lura bir-riżultat illi spiċċa biex laqat il-vettura tar-rikorrenti Gauci.*

*Illi, kif ġie osservat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Zahra vs Vassallo:***

> *"L-obbligu ta'* proper lookout *huwa korollari għall-prinċipju li sewwieq għandu l-oneru li fis-sewqan tiegħu juża dik id-diliġenza mistennija minn 'bonus paterfamilias' u li hija raġjonevoli tenut kont taċ-ċirkostanzi: bħal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-viżwali u ċirkostanzi partikolari oħra li jistgħu jirrikjedu grad ta' attenzjoni għoli mis-sewwieq."*

*Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet* **Grima vs Castillo** *(27 ta' Frar 2004):*

> *"Fl-Appell Kriminali "***Il-Pulizija vs J. Aquilina***" (12.3.61), saret riferenza għas-sentenza tal-Corte di Cassazione tal-Italja fejn ġie ritenut:*
>
> "La retromarcia di un autoveicolo constituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell'autoveicolo o per altra causa, non e in grado di vedere tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra. *(22.12.55)."*
>
> *Fil-manwal tad-Department of the Environment: Driving (ed. 1972 p. 113) taħt* "What to look for" *fir-*reversing*, hemm elenkati s-segwenti prekawzjonijiet:*

*"Always check for other traffic before you drive backwards. Make quite sure that there is nothing in your way ... check all around-forwards-behind, over both shoulders and in your mirror. If you are in any doubt, get out (or ask your passenger to do so) to make sure. Keep a good lookout all the time. You are moving backwards and always be ready to stop."*

***Jidher għalhekk li kif driver li jkun miexi quddiem għandu l-obbligu li jżomm*** **a proper lookout,** ***hekk ukoll, jekk mhux b'mod aktar assidwu, japplika għal driver li jkun miexi b'lura.*** *(enfasi miżjuda)*

*Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-arbitru huwa tal-fehma illi l-intimat Catania jaħti unikament għall-inċident tat-traffiku illi seħħ nhar l-20 ta' Marzu 2017, fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV-863 proprjetà tar-rikorrenti Gauci u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PIO-629 misjuqa mill-intimat.*

*Illi għalhekk għal dak li jirrigwarda l-*quantum *tad-danni reklamati mir-rikorrenti billi dawn ġew sodisfaċentement ippruvati l-arbitru jħoss illi t-talba hija waħda ġustifikata.*

***Decide***

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-arbitru, filwaqt illi jiddikjara illi l-inċident tat-traffiku illi seħħ nhar l-20 ta' Marzu 2017 fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lill-intimat Andre Pio Catania illi fil-ħin tal-inċident kienet qed isuq il-vettura bin-numru PIO-629, jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-inċident de quo fl-ammont komplessiv ta' €991.92, u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €991.92 bl-imgħax mit-8 ta' Frar 2018.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat."*

## **L-Appell**

7. L-appellant ippreżenta l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fis-27 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... filwaqt illi, tħassar u tirrevoka, id-deċiżjoni arbitrali mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019, fl-atti tal-arbitraġġ Numru M5278/2018 fl-ismijiet ta'* ***Mapfre Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Marco Gauci u l-istess Marco Gauci vs André Pio Catania****, tirriformaha billi ssib illi l-kaġun illi wassal sabiex iseħħ dan l-inċident awtomobilistiku kien unikament ġej mill-fatt illi Marco Gauci, ma rregolax ruħu sew mal-esiġenzi tat-triq u l-prudenza mistennija minnu bħala sewwieq qabel ma qabad in-niżla ta' Triq l-Għoljiet fil-Mellieħa, u għalhekk, wassal sabiex ikun hu illi bi ħtija esklussiva tiegħu stess wassal għall-inċident stradali bejnu u bejn André Pio Catania, fl-20 ta' Marzu 2017 fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa."*

8. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għal dawn ir-raġunijiet: (i) it-Tribunal naqas milli japprezza fatti ulterjuri u fundamentali li ġew a konjizzjoni tiegħu, u li ġew ippruvati għas-sodisfazzjon ta' dawn il-proċeduri arbitrali, li permezz tagħhom jirriżulta b'mod ċar li dak li wassal għall-inċident stradali ma kinitx l-imperizja fis-sewqan da parti tal-appellant, imma n-nuqqas ta' prudenza assoluta da parti tal-assikurat tal-appellat Marco Gauci, li kien ġej mid-direzzjoni tan-niżla li hemm fi Triq l-Għoljiet, u li baqa' jsuq bl-istess veloċità li kien għaddej biha qabel, mingħajr ma ta każ ta' x'kien għaddej quddiemu qabel qabad in-niżla; (ii) it-Tribunal ibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq il-ħsarat sofferti miż-żewġ vetturi. L-appellant qal li r-riżultanzi tal-ħsara juru l-kontra ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, għaliex kien Marco Gauci li bil-vettura tiegħu baqa' dieħel fil-vettura misjuqa mill-appellat, u mhux bil-kontra. L-appellant qal li ladarba ma kien hemm l-ebda ħsara viżibbli fil-vettura tal-appellant, it-Tribunal ikkonkluda li kien l-appellant li daħal fil-vettura tal-appellat u mhux bil-kontra.

9. L-appellant spjega li f'dan il-każ kienet ix-xhieda tal-partijiet li tefgħet dawl fuq il-fatti li taw lok għall-inċident u x'kien li kkawżah. Qal li mir-ritratti esebiti minnu, għandu jirriżulta l-mod kif seħħ l-inċident, għaliex dawn jagħtu

stampa ċara tat-triq u tal-viżwali ta' kull sewwieq waqt il-manuvri tagħhom qabel ma ħabtu bil-vetturi tagħhom. L-appellant jgħid li l-appellat kien għaddej b'veloċità li huwa jgħid li ma kinitx teċċedi l-erbgħin kilometru fis-siegħa. L-appellant qal imma li indipendentement mill-veloċità, il-viżwali tal-appellat waqt is-sewqan fil-mument li huwa kien qiegħed jipproċedi lejn in-niżla, ma kinitx ittih li jara x'inhu għaddej fin-niżla stess fl-inħawi ta' fejn jinsab il-garaxx tal-appellant. L-appellant qal li mir-ritratti esebiti minnu jidher li għal sewwieq li jkun ġej minn Triq l-Għoljiet, il-garaxx jibda jidher wara li l-vettura ta' min ikun qiegħed isuq tasal b'mod *parallel* ma' nofs is-*side-road* li tidher fuq il-lemin ta' Triq l-Għoljiet stess fejn hemm *stop sign.* L-appellant qal li għalhekk l-appellat, bil-mod kif saq, ma setax jevita l-inċident ladarba dan baqa' għaddej bil-veloċità li kien għaddej biha qabel mingħajr ma rrallenta sakemm il-viżwali ttih biex ikun jista' jipproċedi fin-niżla ta' Triq l-Għoljiet mingħajr ebda periklu għal terzi. L-appellant qal li t-triq ma tatix ċans lil sewwieq tiela' 'l fuq li japprezza l-viżwali fin-niżla sakemm dan ma jkunx irrallenta b'mod li fit-triq qisu hemm *stop sign.* L-appellant qal li waqt l-aċċess li sar fit-triq irriżulta li ħadd mis-sewwieqa li kienu għaddejjin mit-triq dak il-ħin ma baqa' għaddej mit-triq bl-istess veloċità li kien għaddej biha fil-parti tat-telgħa daqslikieku t-triq kienet watja. Qal ukoll li l-apertura tal-garaxx tiegħu tinsab bejn wieħed u ieħor f'distanza ta' madwar tliet vetturi u nofs jew erba' vetturi mill-bidu tan-niżla, xi ħaġa li tagħmilha aktar diffiċli li wieħed jevita l-impatt jew jibqa' jsuq qisu miexi fi triq dritta b'viżwalità ċara daqslikieku xejn mhu xejn. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa m'għamel l-ebda manuvra azzardata, u l-unika manuvra li kien qiegħed jagħmel kienet dik tar-*reverse,* manuvra li huwa kien ilu jipprattika diġà diversi snin fl-istess inħawi u fl-istess parti tat-triq sabiex jidħol fil-garaxx tiegħu. L-appellant

qal li mix-xhieda okulari li kien hemm fuq il-post, għandu jirriżulta wkoll li huwa kien diġà beda jirriversja lejn l-apertura tal-garaxx qabel tfaċċja l-appellat fit-triq. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda tal-appellat Marco Gauci, li qal li kien ra lill-appellant qiegħed jirriversja, u kien hu li ħa riskju li jibqa' jsuq u jibqa' tiela' fi Triq l-Għoljiet mingħajr ma waqaf fil-parti ta' fuq tagħha biex jara min kien hemm fin-niżla. L-appellant qal li mill-provi rriżulta li Gauci lanqas kellu ċans jagħfas il-*brake,* u kien huwa stess li poġġa ruħu f'sitwazzjoni fejn ma kienx prudenti u diliġenti fis-sewqan tiegħu bi *proper lookout* adegwat. Kompla jgħid li din mhix kwistjoni ta' aderenza mal-*Highway Code,* jew mal-ġurisprudenza dwar l-obbligi ta' min ikun qiegħed jirriversja, għaliex dawn ma kinux ir-raġunijiet li wasslu għall-inċident stradali. Kompla jgħid li kien l-appellat li ħa riskju żejjed ħafna li ġieh ħażin, u wara l-inċident stradali Gauci nfexx f'sensiela ta' attakki, theddid u tgħajjir fil-konfront tal-appellant.

10. In sostenn tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal irrileva li l-ħsarat li ġarrbu l-vetturi kienet kważi biżżejjed sabiex dan seta' jikkonkludi li kienet il-vettura tal-appellant li baqgħet dieħla fil-vettura tal-appellat. L-appellant qal li l-impatt seħħ waqt li l-vettura tiegħu kienet diġà miexja b'lura, b'mod li bdiet tangola ruħha għad-dritt lejn il-bokka tal-garaxx tiegħu, filwaqt li l-vettura ta' Marco Gauci ġiet min-naħa tal-għolja, 'l isfel għad-dritt. Kompla jgħid li l-impatt vera u proprja seħħ bejn il-parti ta' quddiem tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-appellat u r-rota ta' wara tan-naħa tax-xufier tal-vettura misjuqa minnu, u qal li l-fattur kruċjali li jikkontradixxi l-konklużjonijiet tat-Tribunal huwa l-fatt li l-vettura misjuqa mill-appellant ma ġarrbet l-ebda ħsara fil-*wheel arch* tal-*body* tal-vettura tiegħu. L-appellant qal li d-daqqa tal-impatt fil-fatt seħħet fuq ir-rim tar-rota tal-vettura

misjuqa minnu, li beda jixxaqqaq, filwaqt li t-*tyre* tar-rota bl-impatt inqasam ukoll, u ma rriżulta l-ebda brix fuq il-vettura misjuqa minnu. L-appellant qal li kieku huwa minnu li bil-manuvra li huwa kien qiegħed jagħmel baqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Marco Gauci, kien ikun hemm xi tip ta' ħsara fil-vettura tiegħu, mhux xejn. Qal li l-impatt seħħ għaliex Marco Gauci ma kienx qiegħed isuq b'mod prudenti u diliġenti, u naqas milli jżomm *proper lookout* fis-sewqan tiegħu tenut kont li quddiemu kellu niżla. L-appellant qal li l-ħsara fil-vettura ta' Gauci turi li l-impatt seħħ ma' xi ħaġa solida, u l-*mudguard* ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu ntlewa u ntefaħ 'il barra mal-impatt, li l-appellant jgħid li kien "pjuttost qawwi".

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

11. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati eċċepew li l-appell intavolat mill-appellant huwa null għaliex fit-talba finali tiegħu l-appellant jitlob kemm għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata, kif ukoll għar-riforma tal-istess deċiżjoni. L-appellati jgħidu li filwaqt li l-artikolu 142(2) tal-Kap. 12 jistipula li r-rikors tal-appell għandu jkun fih talba għat-tħassir jew għat-tibdil tas-sentenza appellata, jew ta' xi parti minnha, l-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 jgħid li hemm erba' sitwazzjonijiet fejn tista' tingħata l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarji, fosthom meta l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi. L-appellati jgħidu li t-talba tal-appellant biex id-deċiżjoni appellata tiġi mħassra u rrrevokata kif ukoll riformata, hija waħda konfużjonarja għaliex talbiet għat-tħassir u għat-tibdil ma jistgħux joqogħdu

flimkien, billi talba tista' tkun jew għar-revoka tas-sentenza, li twassal għat-tħassir tagħha, jew inkella għar-riforma tas-sentenza, li minnha nnifisha tfisser li mhix tintalab ir-revoka.

12. L-appellati żiedu jgħidu li mingħajr preġudizzju għall-predett, id-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, l-appellati jgħidu li bħala prinċipju fundamentali, din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ġudikant fil-prim istanza rigward l-apprezzament tal-provi, jekk mhux għal raġunijiet serji u gravi, u biex tiġi evitata inġustizzja manifesta. L-appellati jgħidu li l-appellant ma jagħti l-ebda raġunijiet ġodda għalfejn fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha tasal għal konsiderazzjonijiet differenti minn dawk li wasal għalihom it-Tribunal. Jgħidu ukoll li l-appellant fl-ebda ħin ma jgħid għalfejn fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli japprezza l-fatti f'ċirkostanzi fejn kif jidher mill-korp tad-deċiżjoni appellata, huwa evidenti li l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni sar b'mod eżawrjenti mit-Tribunal, li kellu l-opportunità jisma' lill-partijiet *viva voce.* L-appellati qalu li t-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi kollha li kellu quddiemu, wasal għall-konklużjoni li l-inċident stradali seħħ unikament tort tal-appellant, kemm għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellant naqas milli jżomm *proper lookout,* kif ukoll minħabba t-tip ta' ħsarat li ġarrbu ż-żewġ vetturi. L-appellati spjegaw li l-inċident seħħ waqt li l-appellant kien qiegħed jirriversja l-vettura tiegħu fi triq b'konfigurazzjoni partikolari, għaliex mhijiex watja iżda f'forma ta' benniena f'direzzjoni waħda, jiġifieri fid-direzzjoni li kien għaddej minnha Marco Gauci, biż-żewġ naħat tat-triq okkupati minn karozzi parkeġġjati. L-appellati spjegaw li d-dinamika tal-inċident kienet tali li Marco Gauci sab lill-appellant ma' wiċċu

hekk kif qabad in-niżla tat-triq, u dak il-ħin l-appellant kien miexi b'lura bil-ħsieb li jdaħħal il-vettura tiegħu f'garaxx fl-istess triq. Fil-fehma tal-appellati dan l-inċident kien inevitabbli. L-appellati qalu li mix-xhieda rriżulta li waqt li kien miexi b'lura, l-appellant ħares lura minflok fil-mera, billi dar fiżikament lejn ix-xellug tiegħu. Dan kien nuqqas serju partikolarment meta jirriżulta li l-appellant ma kellu lil ħadd biex jiggwidah waqt li kien miexi b'lura. L-appellati komplew jgħidu li ladarba l-appellant ma kienx qiegħed iħares lejn in-naħa tal-lemin tiegħu, minn fejn setgħu jiġu l-vetturi, iżda lejn ix-xellug, u b'dahru lejn il-vetturi li kienu ġejjin, huwa konxjament u b'mod negliġenti poġġa lilu nnifsu f'pożizzjoni fejn ma setax iżomm il-*proper lookout* meħtieġ. L-appellati qalu li anki jekk l-appellant ħares lejn in-naħa tal-lemin tat-triq, huwa għamel dan qabel beda jirriversja u qabel beda jaqsam it-triq, u għalhekk kien għadu m'ostakolax it-triq. Qalu li dan ifisser li l-appellant naqas li jżomm *proper lookout* waqt li kien qiegħed iwettaq manuvra skonsiljata billi ostakola t-triq li għandha konfigurazzjoni partikolari għaliex ma tippermettix viżwali 'l bogħod, ħlief xħin wieħed jiġi viċin fejn kien qiegħed jimmanuvra l-appellant. L-appellati żiedu jgħidu li f'każijiet bħal dawn, il-grad ta' attenzjoni, perizja u prudenza trid tkun waħda massima, u dan minħabba li r-riversjar mhux manuvra normali ta' sewqan. L-appellati qalu li mill-provi ma jirriżultax li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, kif qiegħed jittenta jagħti l-impressjoni l-appellant, u qalu wkoll li l-appellant mhux f'qagħda li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-veloċità li kien għaddej biha s-sewwieq tal-vettura l-oħra, għaliex l-appellant xehed li lemħu biss ftit tas-sekondi qabel seħħ l-impatt. L-appellati komplew jgħidu li f'dan il-każ, Marco Gauci ma setax jissoponi li se jkun hemm vettura perpendikulari fil-karreġġjata tiegħu hekk kif għadda minn fuq tumbata fit-triq,

u l-fatt li dan ma rnexxilux jevita l-inċident, m'għandux iwassal biex tiġi apporzjonata xi ħtija lilu, għaliex f'dan il-każ huwa kien riffaċċjat minn '*sudden emergency*'.

13. L-appellati komplew jgħidu li f'dan il-każ it-Tribunal kien korrett meta fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qies il-prova oġġettiva tal-ħsara li ġarrbu ż-żewġ vetturi sabiex jara jekk din tirrispekkjax il-verżjoni tal-appellant dwar kif seħħ l-inċident. L-appellati qalu li wara li għamel evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-appellat Marco Gauci hija aktar attendibbli u kredibbli, inkwantu ssostni t-teżi tiegħu li hu ma baqax dieħel fil-vettura tal-appellant b'veloċità elevata. L-appellati qalu li meta t-Tribunal għamel evalwazzjoni tal-ħsara sofferta fiż-żewġ vetturi, jiġifieri li l-ħsara kienet waħda pjuttost żgħira, u li l-impatt kien wieħed li kkawża sbrixxatura mal-vettura tal-appellant, liema konklużjonijiet huma sostnuti mill-provi miġjuba waqt il-proċeduri arbitrali, ikkontradixxi għalkollox il-pożizzjoni li qiegħed jieħu l-appellant li l-vettura misjuqa minnu sofriet ħsara kbira. L-appellati qalu li l-fatt li mill-provi jirriżulta li mal-vettura tal-appellant kien hemm biss brix u mhux għafsa, jeskludi għalkollox il-possibilità li l-inċident stradali seħħ minħabba li l-vettura misjuqa minn Marco Gauci kienet qiegħda tinstaq b'veloċità għolja.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati fit-tweġiba

tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

15. Imma qabelxejn il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellati li r-rikors tal-appell huwa wieħed null. L-appellati jgħidu li l-appellant ma setax iressaq talba għat-tħassir u għar-revoka tal-lodo arbitrali, u fl-istess ħin li jitlob lil din il-Qorti tirriforma d-deċiżjoni appellata, għaliex dawn it-talbiet flimkien huma konfużjonarji. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-parti appellanta għandha tkun ċara fit-talbiet tagħha, u li t-talbiet ma jsirux b'tali mod li jikkanċellaw lil xulxin, madanakollu f'dan il-każ l-imsemmija talbiet jistgħu joqogħdu flimkien. Dak li qiegħed jitlob l-appellant huwa li din il-Qorti filwaqt li tirrevoka u tannulla l-lodo arbitrali, fis-sens li ġġib fix-xejn id-deċiżjoni tat-Tribunal li r-responsabbilità għall-inċident stradali għandha tinġarr mill-appellant, fl-istess ħin qiegħed jitlob li din il-Qorti tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal fis-sens li għandha ssib li r-responsabbilità għall-inċident kienet tal-appellat, għar-raġunijiet imsemmija mill-appellant fir-rikors tal-appell. Il-kontenut tar-rikors tal-appell huwa ċar biżżejjed u ma joħloqx il-konfużjoni li jgħidu li teżisti l-appellati, almenu għall-Qorti huwa ċar fejn irid jasal l-appellant, u għalhekk l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità mogħtija mill-appellati mhijiex ġustifikata, u qed tiġi miċħuda.

*L-Ewwel Aggravju:* *it-Tribunal naqas milli japprezza fatti ulterjuri u fundamentali li ġew a konjizzjoni tiegħu*

16. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tal-provi kollha li ġew a konjizzjoni tiegħu u ta' fatti ulterjuri oħra li ħarġu mill-provi. L-

appellant jgħid li l-inċident stradali seħħ tort ta' Marco Gauci, li xehed li baqa' jsuq b'veloċità ta' madwar erbgħin kilometru fis-siegħa, u li ma rrallenta xejn fis-sewqan, minkejja li xħin seħħ l-impatt mal-vettura tal-appellant dan kien wasal f'parti tat-triq fejn hemm niżla. L-appellant qal li huwa kellu problema ta' viżwali għaliex mill-parti tat-triq li kien fiha hu, ma kellux viżwali fit-tul, u għalhekk huwa obbligu ta' kull min ikun nieżel dik il-parti tat-triq li tagħti għan-niżla li jnaqqas il-veloċità. Marco Gauci stess xehed li huwa bilkemm kellu ċans jagħfas il-*brake,* u l-appellant insista li dan il-fattur jindika li l-appellat kien nieżel b'veloċità eċċessiva.

17. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta t-Tribunal għamel eżami approfondit u akkurat tal-provi kollha li tressqu quddiemu, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li t-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet tiegħu mingħajr ma kkonsidra l-provi kollha li kellu quddiemu. Jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li l-appellant kien qiegħed jirriversja l-vettura tiegħu biex jidħol fil-garaxx li huwa għandu fi Triq l-Għoljiet, il-Mellieħa, li hija triq *one-way,* u fil-ħin li seħħ l-inċident kien hemm vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tat-triq. L-appellant spjega li sabiex seta' jidħol fil-garaxx, huwa ħares lejn in-naħa tal-lemin tiegħu, u wara tefa' ħarstu lejn il-parti tax-xellug tat-triq, waqt li beda miexi b'lura, u dan minflok għamel użu mill-mera biex jassigura li kien qiegħed jagħmel dan b'mod sigur. Mill-provi jirriżulta wkoll li mart l-appellant kienet qiegħda fit-tarf tat-triq tistennih idaħħal il-karozza fil-garaxx, minflok ma marret viċin tiegħu sabiex tiggwidah aħjar dwar kif għandu jimmanuvra. Il-Qorti tqis li għal xi ħin, waqt li kien qiegħed jipprova jirriversja, l-appellant ma kellux il-*proper lookout* rikjest, billi ma kellux għarfien komplut ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri fl-inħawi immedjati tiegħu, għaliex ħarstu kienet mixħuta biss lejn naħa waħda tat-triq.

18. Deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija spiss iċċitata mill-qrati lokali, hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[1] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Imma jirriżulta bl-aktar mod ampju, anki minn dak li xehed l-appellant stess, illi fil-mumenti qabel seħħ l-impatt, l-appellant dar u ħares biss lejn in-naħa tax-xellug tat-triq, mingħajr ma ħa l-prekawzjoni addizzjonali li jitlob l-assistenza ta' xi ħadd fit-triq biex jiggwidah waqt li kien qed jirriversja. Jirriżulta wkoll li bil-manuvra li għamel, li kien ilu jirrepeti għal diversi snin, l-appellant ħoloq emerġenza subitanea u imprevedibbli għall-appellat, għaliex l-appellant kien qiegħed jostakola t-triq, u Marco Gauci sabu ma' wiċċu eżatt kif qabad il-parti tan-niżla fit-triq.

19. Il-Qorti tqis għalhekk li dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u tiċħdu, għaliex mill-provi prodotti jirriżulta li r-responsabbilità għall-inċident hija unikament tal-appellant, li naqas milli jieħu miżuri preventivi u jżomm il-*proper lookout* rikjest sabiex jassigura li sinistri bħal dawn ma jseħħux fi triq li tieħu lis-sewwieqa f'direzzjoni waħda, li għandha konfigurazzjoni partikolari, u li fil-ħin tal-inċident kellha vetturi pparkjati maż-żewġ naħat tagħha. F'dan ir-rigward għalhekk il-Qorti tqis li l-konklużjonijiet tat-Tribunal huma korretti, u li dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

[1] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

*It-Tieni Aggravju: in-natura tal-ħsarat sofferti fil-vetturi*

20. L-appellant jgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta bbaża ruħu fuq in-natura tal-ħsarat sofferti mill-vetturi involuti fl-inċident stradali sabiex jasal għall-konklużjoni dwar min mill-partijiet għandu jerfa' r-responsabbilità għall-inċident stradali. Il-Qorti tqis li n-natura tal-ħsarat sofferti hija waħda mill-provi oġġettivi li tista' titfa' dawl fuq id-dinamika tal-inċident. It-tip ta' ħsarat li jirriżulta li ġiet sofferta fil-vetturi f'dan il-każ, ċertament li titfa' dubju fuq il-veraċità ta' dak li ntqal mill-appellant, li fir-rikors tal-appell tiegħu baqa' jinsisti li l-impatt kien wieħed qawwi u li ż-żewġ vetturi involuti f'dan l-inċident sofrew ħsarat sostanzjali. It-Tribunal ikkonkluda li t-tip ta' ħsara sofferta mill-vettura tal-appellant hija fl-għamla ta' "sbrixxatura" jew barxa, fattur dan li jindika li l-impatt ma kienx wieħed qawwi, għaliex altrimenti l-ħsara kienet tkun tikkonsisti f'għafsa jew daqqa li tikkawża aktar minn barxa. In-natura tal-ħsara sofferta mill-vettura tal-appellant, li fuq ammissjoni tiegħu stess kienet qiegħda tinstaq bir-rivers fil-ħin li seħħ l-impatt, tindika wkoll li l-vettura ta' Marco Gauci ma kinitx qiegħda tinstaq bi *speed* eċċessiv, imma b'mod li wassal biex il-vettura tal-appellant tintlaqat, tant hu hekk li ma rriżultat l-ebda għafsa fil-*body* tal-vettura. Min-naħa l-oħra, il-ħsara sofferta fil-vettura misjuqa mill-appellat kienet ferm aktar sostanzjali.

21. Il-Qorti tqis li mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li t-Tribunal għamel analiżi sħiħa tal-provi kollha li ġew ippreżentati quddiemu, u l-konsiderazzjonijiet li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu kienu jinkludu provi u fatturi oħra, apparti l-

ħsarat sofferti fil-vetturi. It-Tribunal għamel analiżi tan-natura tal-ħsarat sofferti fil-vetturi sabiex wasal għal deċiżjoni dwar id-dinamika tal-inċident, u l-fatt li l-impatt ma kienx wieħed qawwi jew vjolenti, għaliex altrimenti l-ħsara sofferta fil-vetturi kienet tkun ferm akbar. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravji kollha sollevati mill-appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant. Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**